**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mark Cauchi Bellotti**
**(K.I. 252880M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Mark Cauchi Bellotti** li ġie akkużat talli f'xi ħin bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq Vincenzo Dimech, Furjana u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bil-ħsieb li jikkometti serq ta' flus u/jew oġġetti oħra ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, tali serq kien se jsir għad-dannu ta' Tiziana Tedesco Triccas u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. Bil-ħsieb li jikkometti serq ta' flus u/jew oġġetti oħra ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, tali serq kien se jsir għad-dannu ta' sid il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBD482 u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

3. Ikkometta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan sar għad-detriment ta' Aaron Bartolo u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

4. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Aaron Bartolo u Tiziana Tedesco Triccas billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjon u d-difiża illi l-piena idonea tkun waħda mhux karċerarja. Pero` hemm bżonn ukoll illi l-imputat jiġi segwit b'Ordni ta' Trattament minħabba abbuż ta' sustanzi illeċiti.

Illi l-Qorti wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni hija disposta li tagħti lill-imputat ċans biex itejjeb ħajtu, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li kien qiegħed jiffaċċja. Madanakollu l-Qorti tosserva illi l-imputat diġa' ngħata opportunitajiet minn dawn il-Qrati fil-passat u għalhekk irid jifhem li din tista' tkun l-aħħar opportunita` biex ibiddel ir-rotta ta' ħajtu u ma tittiħidlux il-liberta` personali tiegħu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 261(b)(g), 263, 265, 271(g), 278(2) 281(a), 289 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Mark Cauchi Bellotti** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation.

Finalment il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-imputat taħt **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti mhux qed tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali stante li ma jirriżultax li saru tali spejjeż. Lanqas m'hu qed tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni stante li jirriżultax li hemm il-ħtieġa li tinħareġ tali Ordni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**